MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA
U L-INTERN

MINISTRY FOR JUSTICE
AND HOME AFFAIRS

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*

*Department for Local Government*

LCD 14/1994
LCD 13/1994/IX

14 ta' Diċembru, 2004

Lis-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

**MEMO 34/2004**

**Attendenza ta' Kunsillieri għal attivitajiet uffiċjali bħala Kunsillier waqt il-Ħin tax-Xogħol**

Għal darba oħra nixtieq infakkarkom li l-assenza ta' Kunsilleri waqt il-ħin tax-xogħol biex ikunu jistgħu jaqdu d-dmirijiet tagħhom ta' Kunsillier hi regolata minn subartikolu (2) ta' l-artikolu 32 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali.

*Press Release* Nru. 290 (kopja mehmuża) tishaq dwar il-ħtieġa li l-kapijiet tad-Dipartimenti tal-Gvern, korpi parastatali u aġenzji li fihom il-Gvern għandu l-maġġoranza ta' l-ishma għandhom iqisu favorevolment kull talba minn xi Kunsillier biex jingħata permess jattendi laqgħat/funzjonijiet konnessi max-xogħol tal-Kunsill. Dan sakemm din l-assenza ma tkunx ta' detriment għal post tax-xogħol tagħhom.

Sidien fis-settur privat huma wkoll imħeġġa sabiex jagħtu l-għajnuna tagħhom billi, sa fejn hu possibbli, jħallu Kunsillieri li jkunu mpjegati tagħhom jattendu laqgħat/funzjonijiet importanti li jinżertaw waqt il-ħin normali tax-xogħol.

Din iċ-ċirkulari għandha tinqara waqt laqgħa tal-Kunsill fl-ewwel opportunita' u kopja tagħha tingħata lil kull Kunsillier.

Natalino Attard
Direttur (Gvern Lokali)

26 TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA CMR 02
TEL: 21 226534-6 FAX: 21 224904